

**MT**

**MT**

**MT**



## IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 22.6.2009  
KUMM(2009) 318 finali

2007/0195/COD

### OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagraphu, punt (c), tat-Trattat tal-KE, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill rigward il-Proposta għal**

**Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriċku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE**

**LI TEMENDA L-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE**

## **OPINJONI TAL-KUMMISSJONI**

**skont l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt (c), tat-Trattat tal-KE, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill rigward il-Proposta għal**

**Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE**

### **1. SFOND**

#### **Proċedura**

Il-proposta tražmessha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2007)528 – 2007/0195/COD) fid-data:

L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew mogħtija fid-data: 22.04.08

L-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni mogħtija fid-data: 10.04.08

L-opinjoni tal-Parlament Ewropew (fl-ewwel qari) mogħtija fid-data: 18.06.2008

Il-pożizzjoni komuni adottata bl-unanimità fid-data: 09.01.2009

Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew (it-tieni qari) 22.04.2009

### **2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI**

Din il-proposta tagħmel parti mit-tielet pakkett leġiżlattiv għal suq intern tal-gass u tal-elettriku fl-UE (“it-Tielet Pakkett”), li jinkludi żewġ Direttivi u tliet Regolamenti.

L-għan ewljeni tal-pakkett huwa li jistabbilixxi qafas regolatorju li hu meħtieġ sabiex il-ftuħ tas-suq ikun effettiv bis-sħiħ u biex jinħoloq suq uniku tal-gass u tal-elettriku fl-UE fl-interess taċ-ċittadini u tal-industrija tal-Unjoni Ewropea. Dan għandu jgħin sabiex il-prezzijiet jinżammu baxxi kemm jista' jkun u sabiex jogħlew l-istandard tas-servizzi u s-sigurtà tal-provvista.

Dan isir permezz tal-miżuri ewlenin li ġejjin:

- sorveljanza regolatorja aktar effikaċi minn regolaturi nazzjonali indipendent;
- stabbiliment ta' Aġenzija biex tiżgura kooperazzjoni effikaċi bejn ir-regolaturi nazzjonali u tieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet transkonfinali rilevanti kollha;

- kooperazzjoni obbligatorja bejn l-operaturi tan-netwerks għall-armonizzazzjoni tar-regoli kollha relatati mat-trasport tal-enerġija madwar l-Ewropa u sabiex l-ippjanar tal-investiment ikun ikkoordinat;
- separazzjoni effettiva tal-ġenerazzjoni u tat-trażmissjoni tal-enerġija sabiex b'hekk ikun evitat kwalunkwe konflitt ta' interassi, għall-promozzjoni tal-investiment fin-netwerk u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe mgħiba diskriminatoreja;
- iktar trasparenza u funzjonament aħjar tas-suq tal-konsumatur;
- iktar solidarjetà u kooperazzjoni regionali bejn l-Istati Membri sabiex tkun żgurata sigurtà akbar tal-provvista.

### **3. KUMMENTI TAL-KUMMISSJONI**

#### **3.1 Ġenerali**

Fis-Sessjoni Plenarja tiegħu tat-22 ta' April 2009, il-Parlament Ewropew adotta pakkett ta' kompromess li dwaru kien hemm qbil mal-Kunsill bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fit-tieni qari.

Dawn l-emendi jikkonċernaw essenzjalment:

- it-tišħiħ limitat ta' xi regoli li jiżguraw separazzjoni effettiva tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni,
- iktar indipendenza u setgħa lir-regolaturi nazzjonali, u
- dispożizzjonijiet li joħolqu obbligi msahħha għall-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-faqar tal-enerġija u l-implementazzjoni tal-kejl intelliġenti.

Il-Kummissjoni taċċetta l-pakkett ta' kompromess peress li huwa f'konformità mal-għan globali u l-karatteristiċi ġenerali tal-proposta.

#### **3.2 Proposta Emendata**

Skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni temenda l-Proposta tagħha kif stabbilit hawn fuq.